MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Numru 360/1999

**PULIZIJA**
**SPETTUR STEPHEN GATT**

**VS**

**CARMEN SAMMUT**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Carmen Sammut ta' 54 sena mart Emanuel bint John u Antonia Calleja, imwieled Msida fl-14 ta' Gunju 1944 u joqghod Orchard Hils, Triq Sir Temi Zammit Zebbiegh, talli fit-3 ta' Awissu, 1998 gewwa l-Imsida volontarjament hassret, ghamel hsara jew gharqet mera ta' van Transit ghad-detriment ta' Emanuel Debattista mill-Imsida, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix l-ghaxar liri maltin.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Emanuel u John Debattista mill-Msida kif iccertifika Dr Attard Montaldo MD tal-Gzira Health Centre.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputati sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta li bejn l-ahwa Debattista hemm dizgwid serju li jikkoncerna l-eredita' sostanzjali wirt ta' missierhom illi dwaru hemm proceduri pendenti fil-Qorti Civili ta' Malta.

Illi fix-xhieda ta' l-Ispettur Gatt, ara fol. 12 sa 29, jirrizulta illi Emanuel Debattista rraporta lill-pulizija ta' l-ghassa ta' l-Imsida li waqt li kien qed jattendi ghall-eghluq ta' diversi proprjetajiet fl-Imsida li kienu jappartjenu ghall-mejjet missieru fil-prezenza tal-istralcjarju, hu u huh John, gew agrediti minn Anthony Debattista. Maghhom kien hemm ukoll Carmen Sammut li tigi oht l-ahwa Debattista.

Illi l-glieda bejn l-ahwa inqalghet meta l-likwidatur nominat mill-Qorti Civili mar biex jaghlaq bil-katnazzi diversi proprjetajiet u garages ta' l-ahwa Debattista.

Spettur Gatt xehed illi fic-cirkostanzi, hu ma kienx qabel li jhalli lil Emanuel u John fizikament jiehdu hsieb ta' l-eghluq tal-proprjetajiet ghaliex emmen illi dan kien ser jaqla' aktar inkwiet u dizgwid bejn l-ahwa. Izda Galea, l-ufficjal ta' l-Qorti kellu ordni li Emanuel u John Debattista kellhom jaghmlu l-eghluq ta' dawn il-proprjetajiet u ried josserva l-ordni ta' l-Qorti skruplozament.

L-Ispettur Gatt sostna li waqt li kien qed isir ix-xoghol ta' l-eghluq tal-proprjetajiet l-ahwa Debattista bdew jilletikaw ghax ma qablux dwar liema mill-proprjetajiet u f'hin minnhom Emanuel u John Debattista ddeciedew li jieqfu minn xogholhom, u ghabbew l-ghodda fil-van EMR-111.

Illi ghalhekk Spettur Gatt mar id-dar. Wara gie nformat illi nqalghet glieda fi Quarry Square Street, l-Imsida, waqt li kien qed jinghalaq garage fl-assenza tal-pulizija. Il-glieda tkompliet ukoll fil-garage li kien qed jintuza esklussivament minn Anthony Debattista. L-ispettur Gatt xehed illi huwa kellem lil Anthony Debattista illi nsista li l-garage li fuqu inqala' l-inkwiet kien hallihulu missieru u kien juzah biex izomm l-ispeedboat. Illi dan il-garage ma kienx jifforma parti mill-proprjeta' li jappartjeni lill-kumpanija.

L-Ispettur Gatt xehed illi minn informazzjoni moghtija minn Anthony Debattista gie allegat illi Emanuel u John Debattista agredew lil Anthony Debattista: "John kellu l-martell f'idejh u Emanuel kellu tornavit f'idejh, u bdew ituh", ara fol. 17. Spettur Gatt kompla jghid li Anthony Debattista sostna li kien gie milqut fuq in-naha tax-xellug ta' l-istonku tieghu, waqt li Emanuel u John Debattista qalulu li kien Anthony Debattista li wegga' lil John bit-tornavit. Fl-istess hin Carmen Sammut kienet ukoll involuta fil-glieda minhabba illi giet tiddefendi lil Anthony Debattista.

Illi hawnhekk skond l-informazzjoni moghtija lill-pulizija, hija giet agredita minn John u Emanuel Debattista. Anthony Debattista u Carmen Sammut marru l-isptar, waqt li Emanuel u John Debattista marru l-Gzira Health Centre.

Spettur Gatt xehed illi lkoll gabu certifikati fejn jidher li kienu jbaghtu minn griehi ta' natura hafifa, ara certifikati Dokumenti AB, CS u ED.

Mistoqsi jekk ircevewx ittra minghand l-avukat T Azzopardi qabel ma gara l-incident sabiex jitolbu l-assistenza ta' l-pulizija ghall-ezercizzju li kien ser isir mill-

ufficjal ta’ l-Qorti, l-Ispettur Gatt wiegeb li seta’ gara hekk, u li kien ircieva telefonata minghand l-avukat difensur ta’ Emanuel u John Debattista ghall-istess ghan.

L-ispettur Gatt ftakar li kien ghamel numru ta’ telefonati ma’ l-Imhallef Caruana Demajo fuq il-materja ta’ l-assistenza ta’ l-pulizija. Kompla jghid illi huwa kien baghadt lil PC 1583 bl-istruzzjonijiet li jzomm il-paci pubblika, umbaghad mar hu personalment. PC 1583 kellu jibqa’ sakemm jispicca l-access. L-ispettur Gatt sostna li dan l-incident inqala’ pero’ ftit minuti wara li kienu telqu l-pulizija. Isostni illi l-pulizija telqu biss ghaliex raw lil Emanuel u John Debattista jitilqu minn fuq il-post.

L-ispettur Gatt xehed ukoll illi sahansitra huwa kien irrefera dan il-kaz ghas-Superjur tieghu, is-Supretendent Debattista, u li anke kien cempel lill-Imhallef Caruana Demajo ‘il ghaliex hadd ma kien urieh id-digriet ta’ l-istess Imhallef.

PS 1583 Steve Spiteri xehed illi fit-3 ta’ Awissu, 1998 kien xoghol second watch mis-siegha u nofs ta’ wara nofsinhar fl-ghassa ta’ l-Imsida, u li kien mar fejn il-kumpanija ta’ Johnsons, l-Imsida Seafront, u li kien hemm prezenti l-ahwa Debattista flimkien ma’ l-ufficjal ta’ l-Qorti. Is-surgent xehed li fil-prezenza tieghu kienu qeghdin jinghalqu l-bibien tal-proprjetajiet tal-kumpanija permezz ta’ katnazzi.

Is-surgent xehed illi fil-prezenza tieghu kien hemm battibekk pero’ xejn aktar minn daqshekk. Qal pero’ illi l-ufficjal ta’ l-Qorti f’hin minnhom iddecieda li ma kienx ser jibqa’ jahdem f’dik l-atmosfera u li ghalhekk huwa rritorna lura l-ghassa ta’ l-pulizija ghaliex waqaf ix-xoghol. Illi aktar tard filghaxija giet persuna u hawnhekk is-surgent indika lil Anthony Debattista. Dan ghamel rapport illi kien gie agredit minn wiehed mill-ahwa (ara x-xhieda minn fol. 30 sa 33).

Josef Galea xehed a fol. 34 et sequitur illi huwa jahdem bhala konsulent ma’ HLB Falzon & Falzon, li hija ditta ta’ l-awdituri. Dana kkonferma li din il-kumpanija kienet giet

nominata bhala stralcjarju ta’ l-kumpanija Innag. Xehed illi l-kumpanija Innag kienet qed tigi likwidata mill-Qorti, din il-kumpanija kellha diversi hwienet u warehouses illi kellhom jigu msakkra ghaliex kien qed jigi allegat li xi merkanzija kienet qed tohrog minn dawn l-imhazen. Illi ghalhekk fil-prezenza tas-shareholders kollha bdew jinghalqu dawn il-bibien.

Josef Galea xehed illi f’mument minnhom kien hemm dizgwid dwar proprjeta’ number 39, ghaliex gie sostnut illi din il-proprjeta’ ma kienetx tappartjeni lill-kumpanija imma kienet proprjeta’ personali ta’ wiehed mis-shareholders. Mistoqsi, Josef Galea jghid illi x-shareholders illi kienu qed isakkru l-bibien kienu John Debattista u Emanuel Debattista.

Illi ghaldaqstant l-istralcjarju kien irritorna l-ghassa ta’ l-pulizija fejn minn hemmhekk saret telefonata lill-Imhallef.

Minn hemmhekk gie deciz illi tinqabez iil-proprjeta’ number 39 u jitkomplew jinghalqu l-bibien l-ohrajn li dwarhom ma kienx hemm kwistjoni.

Josef Galea xehed illi wara li rritornaw mill-ghassa kienu ghalqu diversi bibien ohra ta’ l-kumpanija, aprossimament xi seba’ bibien, umbaghad waslu ghal garage li jinsab vicin tal-fabbrika, illi dwaru inqalghet kwistjoni ohra. Kien hemm allegazzjoni minn shareholder illi din il-proprjeta’ ma kienetx tappartjeni lill-kumpanija. Mill-banda l-ohra shareholders ohrajn allegaw illi kienet qed tintuza ghal finijiet tal-kumpanija, u li kien fiha l-merkanzija tal-kumpanija. Gie deciz allura li Josef Galea jidhol u jara l-kontenut ta’ dan il-garage, u fil-fatt Josef Galea jghid li f’dan il-garage sab speedboat u bagalji qodma biss.

Gara pero’ illi Emanuel Debattista ried jidhol f’dan il-garage ‘il ghaliex il-proprjeta’ kienet tal-familja u mhux ta’ persuna wahda biss. “Umbaghad dan imbuttah u dahlu f’xulxin, u dawn hemm gew tqanfdu flimkien. Jiena hrigt ‘il barra u hemm barra kien hemm zewg shareholders ohrajn, u cioe’ Carmen Sammut u John

Debattista….Dawn ukoll tlewmu bejniethom, umbaghad dahlu fil-garage u komplew jaghtu hemm gew.”

Josef Galea jghid illi meta hargu mill-garage, Anthony Debattista kellu barxa f’zaqqu, kellu xi demm f’wiccu u spicca bit-tornavit f’idejh. Xehed ukoll illi Emanuel Debattista kellu wkoll xi demm f’wiccu, u kien hemm xi hsara f’xi nuccali tal-vista.

Galea jghid illi meta dahal fil-garage Anthony Debattista ma kellux tornaviti f’idejh, u ma setax jghid jekk dan kienx f’idejn Emanuel Debattista. Illi ovvjament ix-xoghol kollu sfratta u ghalhekk Josef Galea mar l-ghassa ta’ l-pulizija biex jinformhom x’gara u ma garax, u tefa’ r-rizenja tieghu bhala likwidatur ta’ din il-kumpanija.

Josef Galea jghid ukoll illi apparti t-tornavit kien hemm ukoll il-prezenza ta’ martell u skarpell u li dawn kienu f’idejn Carmen Sammut u John Debattista, pero’ ma setax jiftakar min kellu x’hiex f’idejh. Galea jkompli jghid illi l-imputati baqghu jitlewmu barra, pero’ bil-kliem biss, u li Emanuel Debattista kellu poster imwahhal mal-van tieghu, liema poster gie mqatta’ minn Carmen Sammut.

In kontro-ezami jirrizulta li Anthony Debattista kien fetah dan il-garage u wara li Josef Galea ghamel l-ezami li kellu jaghmel hareg u kien hemmhekk li Emanuel Debattista wera x-xewqa tieghu li jidhol.
A fol. 50 Josef Galea jghid precizament hekk:

“Xhud: Emanuel Debattista xtaq jidhol u dahal.
Difiza: Imma b’liema mod dahal meta tghix xtaq jidhol?
Xhud: Dahlu flimkien ghax imbuttah ‘il gewwa”

A fol. 52 Josef Galea in kontro ezami stqarr illi Anthony Debattista ma kellu ebda oggezzjoni li Galea jidhol f’dan il-garage allavolja sostna li kien proprjeta’ tieghu personali, pero’ riedu jidhol wahdu (a fol. 53).

Josef Galea xehed a fol. 56 illi meta hareg mill-garage hu sab lil Carmen Sammut u John Debattista jissaraw ma’

xulxin. Mistoqsi jghid dwar min kellu l-iskarpell u min kellu l-martell, Galea jghid a fol. 57 “kellhom xi haga kull wiehed minn dawn”.

A fol. 59 Josef Galea jghid li qabel ma dahal fil-garage wara Anthony, Emanuel Debattista, John Debattista u Carmen Sammut kienu barra mill-garage u dak il-hin kienu trankwilli, u Carmen Sammut ma kellha xejn f’idejha dak il-hin. Josef Galea xehed (ara fol. 61) illi ra lil Carmen Sammut taqla’ l-poster minn fuq il-van ta’ Emanuel Debattista.

Josef Galea xehed a fol. 68 illi l-assistenza tal-pulizija waslet biss meta inqala’ incident fuq number 39. Galea kompla jghid li f’xi hin il-pulizija telaq u kemm hu u l-imputati baqghu jaghlqu diversi bibien ohra u dana kontra x-xewqa ta’ Dr Azzopardi, li ried il-prezenza ta’ l-pulizija matul l-ezercizzju kollu (ara fol. 71).

Galea xehed illi ghar-rigward ta’ John kull ma rah jaghmel kien li jissara ma’ Carmen Sammut, waqghu ma’ l-art, qamu u dahlu fil-garage hdejn Anthony u Emanuel Debattista.

A fol. 77 Josef Galea jghid illi meta dahlu Carmen u John Debattista fil-garage, huwa ma dahalx warajhom. Damu xi minuti u regghu hargu. Fil-hin li kienu kollha fil-garage Galea sema’ ghajta minn Anthony Debattista “ha twegghani”. Jaf illi meta hargu l-ahwa mill-garage Anthony u Emanuel Debattista kellhom xi demm fuq il-persuna taghhom, waqt li Carmen Sammut dehret eccitata hafna (ara fol. 78). Josef Galea esebixxa dokument JG, digriet ta’ l-Imhallef Caruana Demajo.

Spettur Stephen Gatt esebixxa dokument J, qmis li Emanuel Debattista kien allega li kien liebes fl-incident, u side mirror dokument M, li nqalghet waqt l-incident. Dawk l-oggetti nghataw lill-pulizija minn Emanuel Debattista, waqt li dan ta’ l-ahhar kien qed jaghmel l-istqarrija tieghu.

Dr Jonathan Joslin a fol 85A kkonferma ic-certifikati medici ta’ Anthony Debattista, u Carmen Sammut.

Kkonferma illi Anthony Debattista kellu brix fuq imniehru u mohhu, girfa fuq zaqqu u grif fuq idu. Dawn il-griehi gew ikklassifikati bhala ta' natura hafifa.

Dr Joslin xehed li Anthony Debattsita ma kellux tbengil fuq il-persuna tieghu.

Dr Joslin xehed li Carmen Sammut min-naha l-ohra kellha kontuzjoni fuq xoffitha u grif fuq idha – kienu griehi li gew wkoll kklassifikati bhala hfief.

Carmen Sammut xehedet illi b'ordni ta' l-Qorti kien gie l-istralcjarju Josef Galea u beda jaghlaq il-bibien tal-proprjetajiet tal-kumpanija. Dawn kienu qed jinghalqu fizikament minn hutha John u Emanuel Debattista. Sammut xehdet a fol. 91 illi hija u Anthony bdew joggezzjonaw li jinghalaq il-garage li fih kien hemm dghajsa, proprjeta' ta' Anthony Debattista. In oltre l-garage kien proprjeta' ta' missierhom u mhux proprjeta' tal-kumpanija.

Carmen Sammut xehedet illi l-istralcjarju dahal fil-garage ma' Anthony Debattista, izda dahlu jigru warajhom Emanuel u John. Sammut xehdet illi hija segwiethom ghaliex John u Emanuel kellhom l-ghodod f'idejhom. Sammut xehdet illi Emanuel beda jahbat ghal Anthony bit-tornavit, u li hija gibdet lil John lura sabiex ma jkunux tnejn kontra wiehed. Sammut sostniet li John qabadha minn xagharha u beda jaghtiha l-big blows f'wiccha (fol. 94). **Sammut xehdet li John kellu xi haga f'idu, xi martell, u taha bih f'rasha, izda ma kellhiex xi qsim f'rasha jew xi dmija.**

Sammut ikkonfermat illi John u Emanuel Debattista kellhom l-ghodod f'idejhom sa mill-bidu ta' ezercizzju u ma nqala' ebda incident hlief f'dan il-garage, fejn Anthony Debattista kellu l-boat. Carmen Sammut a fol. 102 xehdet illi hija qattghet il-poster li kien hemm fuq il-van ta' Emanuel u li l-mera tqacctet meta laqtitha x'hin Emanuel ghalaq il-bieb biex jitlaq jigri. Carmen Sammut xehdet illi wara l-glieda, l-affarijiet li kellhom f'idejhom John u Emanuel spiccaw f'idejn Anthony (ara fol. 104).

Mistoqsija jekk tafx li l-garage u l-kontenut tieghu kien wiehed li kien imsemmi fil-mandat ta' deskrizzjoni, Sammut tghid illi ma tafx ghaliex ohtha Josephine kienet tiehu hsieb l-imhazen, avolja t-tnejn kellhom cavetta li kienet tinzamm id-dar ta' missierha. Carmen Sammut xehdet illi meta taw ic-cavetta tal-garage lil Anthony, ma kien hemm ebda proprjeta' tal-kumpanija fil-garage u lanqas il-Volgswagen ta' missierhom.

Mistoqsija kienetx hi li hebbet ghal John barra mill-garage, Sammut tirrispondi fin-negattiv. Mistoqsija jekk tatx daqqiet, Sammut tammetti li ddefendiet ruhha, izda ma setghetx tiftakar li taghtu xi daqqiet bil-ponn lil John Debattista. Sammut innegat li kien Anthony li hebb ghal Emanuel, u li kien hemm li John dahal biex jiddefendiha. Tinnega wkoll li John baqa' barra, u li se mai dahal biss wara l-glieda bejn Emanuel u Anthony.

John Debattista xehed a fol. 117 u kkonferma x-shareholders tal-kumpanija, li dwarha l-Qorti Civili ordnat l-istralc. Xehed illi originarjament id-diretturi kienu hu u Emanuel Debattista, Carmen u Josephine. Illi sussegwentement hu u Emanuel tnehhew mill-kariga u baqghu il-bniet. Illi l-postijiet li kellhom jinghalqu kienu xi ghaxra. Xehed illi fil-bidu kien hemm il-pulizija prezenti, u li ma nqalghax inkwiet. Illi wara telaq il-pulizija u kien hemm li inqala' dan l-incident.

John Debattista xehed illi huwa qala' daqqa ta' tornavit f'dan l-incident, izda kien lest li jahfer (ara fol. 122). Xehed illi f'dan il-garage hu u Carmen Sammut baqghu barra, u dahlu Anthony u Emanuel. Xehed illi kien l-istralcjajru Josef li qallu li kienu qed jiggieldu hutu, u xi hadd kellu jifridhom.

John xehed illi kien dahal biex jifred, sab lil Emanuel u beda jigbdu lura, meta hatfitu Carmen Sammut minn wiccu u gibditu ghal isfel. Hu imbuttha u waqghet ma' l-art. Wara l-glieda hu u Emanuel gabru l-ghodda u ghabbewhom fil-van. Sadanittant Carmen Sammut bdiet

iddur mal-van, iccarrat il-poster, u taghti bil-ponn u kisret il-mera.

John Debattista kkonferma illi l-kontenut ta' dan il-garage kien inkluz fil-mandat ta' deskrizzjoni, li kien sar minn John u Emanuel Debattista. Mitlub jghid lill-Prosekuzzjoni jekk John u Emanuel urewx l-intenzjoni li ser jitilqu ghaliex ma setghux ikomplu jahdmu, John Debattista innega. John qal ghall-kuntrarju li huwa mar biex jaghlaq postijiet ohra, (ara fol. 128).

John Debattista xehed illi huwa ma kellux ghodod f'idejh, ghalkemm jaf li Emanuel Debattista kellu tornavit f'idejh ghaliex kien qed iwahhal cappetta. Dan it-tornavit inhataf minn Anthony u gew fl-idejn Anthony u Emanuel. Infatti Anthony ta daqqa bit-tornavit lil John, pero' ta' dan John ried jahfer.

John Debattista kkonferma li l-garage fi Triq il-Barriera ma kienx proprjeta' tal-kumpanija, izda kien misluf lill-kumpanija, u kien jikkontjeni merkanzija tal-kumpanija. John Debattista nnega li Carmen Sammut bdiet timbuttah halli tiprevenieh milli jidhol fil-garage (ara fol. 133). Qal a fol. 138 xehed illi huwa ma kienx jaf illi dan il-garage kien qed jintuza minn Anthony, u sar jaf biss meta Anthony Debattista qallu li l-garage kien tieghu.

John Debattista a fol. 143 kompla jghid illi l-glieda bejn Emanuel u Anthony Debattista bdiet meta Anthony Debattista kien ghadu fejn il-bieb tal-garage, u kien f'dan il-mument li Anthony hataf it-tornavit minn idejn Emanuel (ara fol. 145).

Mistoqsi fuq id-daqqiet li Carmen Sammut garrbet f'wiccha, John Debattista jibqa' jsostni illi huwa ma taha l-ebda daqqa f'wiccha.

Anthony Debattista xehed a fol. 151 et sequitur, fejn qal li kien gie msejjah minn ohtu biex ikun prezenti waqt l-eghluq ta' diversi proprjetajiet tal-kumpanija.

Xehed illi bdew jinghalqu l-proprjetajiet umbaghad gew ghall-garage li ma kellux x'jaqsam xejn mal-kumpanija. Xehed illi kien hemm prezenti John u Emanuel Debattista u ohtu Carmen, li f'idejn John u Emanuel kien hemm l-ghodda. Illi wara marru lejn il-Gzira, waqfu hdejn l-Atlas Ironmongery u regghu nizlu jghalqu l-imhazen.

Anthony Debattista xehed illi umbaghad gew biex jghalqu garage tieghu, wirt ta' missieru, ghal liema garage oht l-prokuratrici, Josephine, kienet taghtu c-cavetta. Illi l-istralcjarju ddecieda li jidhol halli jara x'kien hemm fih, izda Anthony Debattista ma riedx li jidhlu John u Emanuel. Emanuel xorta dahal. Sadanittant Anthony Debattista jghid li kien irritorna l-istralcjarju u qallu li ma kien hemm xejn fil-garage. Minn hemm Emanuel dar fuq Anthony, qallu l-kliem "hekk iz-zejjed", u beda jtih bit-tornavit (ara fol. 156), u laqtu fl-istonku u fil-but tal-qmis, u kien hemmhekk li Anthony irnexxielu jiehu t-tornavit minn idejh.

Minn hemm zgicca ghal wara l-boat fejn John beda ixejjer bil-martell. Anthony Debattista jghid li hu laqghalu u b'konsegwenza tar il-martell minn idejh u laqtu go ghajnejh, fuq imniehru u nkisirlu n-nuccali. Anthony jghid li Carmen Sammut iddendlet ma' John u li hu Anthony xejjer daqqa bit-tornavit u ma jafx lil min laqat.

Anthony Debattista xehed illi wara dan ra lil Carmen iccarrat il –kartuna. Anthony Debattista xehed illi ra lil John jixxuttjha ma' l-art u jigbidha minn xagharha, (ara fol. 159). Xehed a fol. 160 illi d-daqqiet tal-martell fuq ghajnejh u fuq imniehru hadhom qabel ma huwa kellu t-tornavit f'idejh (ara fol. 160). Anthony Debattista jinnega li ra xi mera mkissra.

Dr Peter Borg Costanzi a fol. 172 xehed dwar l-isfond ta' l-inkwiet bejn l-ahwa Debattista, li Emanuel u John gew imnehhija minn diretturi u giet intavolata kawza civili sabiex il-kumpanija tigi xolta. B'sentenza ta' l-10 ta' Lulju, 1998, dokument PBC1, il-kawza giet deciza parzjalment, gie ordnat l-istralc tal-kumpanija u nhatar Falzon & Falzon bhala stralcarji.

Permezz ta' ittra dokument PBC2, Dr Borg Costanzi talab lill-istralcarji imexxu ghall-likwidazzjoni. Sussegwentement intbaghtet fax bl-indirizzi tal-postijiet kollha li fihom kienet titqieghed il-merkanzija tal-kumpanija. Sar stock-taking fit-3 ta' Awissu, 1998, u Dr Borg Costanzi talab ghall-ghajnuna ta' l-pulizija permezz ta' ittra li giet imtennija minn ittra ohra minn Dr Azzopardi.

Dr Borg Costanzi xehed illi Spettur Stephen Gatt b'telefonata qallu li din kienet materja civili. Dr Borg Costanzi baqa' jinsisti. Sussegwentement ircieva telefonata minn Supretendent Debattista, u Dr Borg Costanzi tah l-isfond tal-problema, u dan ta' l-ahhar cempel lill-Imhallef Caruana Demajo, u l-Imhallef iddecieda illi jilqa' t-talba ghall-assistenza ta' l-pulizija. Dan kien l-isfond ta' x'gara dakinhar ta' l-incident.

Supretendent Andrew Logan ikkonferma r-rapport li ghamel Emanuel Debattista fuq il-pulizija li kien allegatament qed juzaw "two ways and two measures" mieghu. Sussegwentement ir-rapport gie irtirat.

Vannie Vella, assistent ta' l-Ministru Tonio Borg kkonferma illi kien sar ilment minn Emanuel Debattista fuq xi ufficjali tal-pulizija.

Dr Tonio Azzopardi xehed illi kien l-avukat ta' Emanuel Debattista fil-Kummerc, u kkonferma t-talba ghall-likwidazzjoni tal-kumpanija, u li huwa kien talab ghall-protezzjoni u assistenza ta' l-pulizija, sabiex jibdew jinghalqu l-proprjetajiet tal-kumpanija mill-istralcarju. Dr Azzopardi a fol. 208 ikkonferma illi kien wasal l-Ispettur Gatt fuq il-post flimkien ma pulizija iehor, izda l-pulizija telqet minn fuq il-post wara ftit minuti, u fil-fatt kien wara dan li nqala' l-incident meritu ta' dawn il-kawzi.

Dr Azzopardi kkonferma illi "kont insistejt maghhom, mal-pulizija li kien hemm bzonn ta' protezzjoni, izda l-pulizija x'aktarx telqu ghax raw li ghadhom ma waslux" uhud mill-ahwa Debattista. Mitlub jghid jekk inkitbitx ittra fejn qal li kull ma gara dakinhar kien kollu tort ta' l-ispettur, Dr Azzopardi jirrispondi "jekk ktibtx ittra jew le ma niftakarx,

pero' qed nikkonferma li dik l-aktar haga li laqtitni, ghax il-pulizija ma hadux il-prekawzjonijiet li jiena tlabthom jiehdu, u jiena mort out of my way biex nitlobha ghax mort jiena personalment l-ghassa. (ara fol. 211).

Dr Azzopardi xehed a fol. 212 illi huwa kien talab ghall-assistenza tal-pulizija precizament ghaliex anticipa vjolenza minhabba l-atteggjament ostili u ntimidatorji li kien hemm f'kull laqgha bejn l-ahwa.

Spettur Stephen Gatt xehed illi r-raguni ghaliex il-pulizija telqu minn fuq il-post kienet ghaliex wahda mill-ahwa ma dehritx, u Emanuel u John irrabjaw wara li ma setghax jitqieghed katnazz fuq il-proprjeta' fejn kienet tghix wahda mill-ahwa, u ghalhekk telqu minn fuq il-post.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi fuq esposti johrog in kontestat is-segwenti:-

1. Illi bejn l-ahwa Debattista hemm emmosita profond u akrimonija kbira li taghmilha impossibbli li l-ahwa jiltaqghu bla incidenti. Di piu individwalment huma persuni ta' passjonijiet intensi li jafu jinkorlaw malajr.
2. Illi din l-atmosfera ostili kienet notevoli tant illi l-avukati tal-partijiet intervjenew anki personalment sabiex jinssitu fuq il-presenza u protezzjoni tal-pulizija waqt l-ezercizzju mistker ta' gheluq tal-proprjetajiet tal-kumpanija kien qieghed jsehh.
3. Illi l-mod legger li bih il-pulizija trattaw dan il-kaz hallew impatt krucjali ghal maniera ta' kif svolgew l-incidenti f'dawk il-kawzi.

Illi din il-Qorti imbaghad kellha l-opportunita tgharbel dak illi xhedu il-partijiet quddiemha, kif wkoll l-versjoni moghtija minnhom fl-istqarrija rispettivi taghhom.

Illi din il-Qorti wara ezaminat ix-xhieda kollha tal-kaz, il-maniera li biha ddeponew il-partijiet hi tal-fehma illi l-agir ta' Anthony Debattista b'rifjut tieghu li jaghlaq il-garage skond l-ordni tal-Qorti u il-maniera li biha rrifjuta li

jippermetti lil Emanuel Debattista jidhol fil-garage biex jaccerta li ma kienx jikkontjeni merkanzija tal-kumpanija, u kif hataf it-tornavit f'sforz biex jxekkel t-twahhil tal-cpiepep kien il-katalista tal-mod kif ddegeneraw l-affarijiet.

Illi fi ftit sekondi Emanuel u Anthony g0ew fl-idejn, jissaraw ghat-tornavit bil-konsegwenti grief u griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna taghhom u l-eventwali ksur u telf tan-nuccalijiet rispettivi.

Illi meta ra dana kollu l-istralcjarju ghajjat lil John sabiex jferraqhom u sab li John u Carmen qeghdin jilletikaw. Meta John pprova jintervjeni bex jferraq daqqa ta' tornavit minn Anthony Debattista u l-martell gie imtajjar min idejh u laqghat lil Anthony.

Illi dan mhuwiex scenario ta' attentat ta' feriti ta' natura gravi – reat li bih jinsabu mixlija l-ahwa Debattista. Il-griehi subiti juru bic-car l-entita ta' incident u dana minkejja l-ezegerazzjonijiet fid-dekrizzjoni tal-istess griehi fix-xhieda ta' Carmen Sammut u ta' Anthony Debattista.

Dan qieghed jinghad il-ghaliex il-konsegwenzi tax-xebgha li allegatament qalet Carmen Sammut minn taht idejn John Debattista certament ma kenitx ser issarraf fi griehi daqshekk lieti u cioe kontuzjoni fuq xoffitha u girfa f'subghajha. Inoltre m'hemm ebda verosimiljanza fid-dikjarazzjoni ta' Anthony Debattista li allegatament qala zewg daqqeit ta' martell f'rasu – u jispicca b'certifikat mediku bi briex fuq imniehru, fuq mohhu, girfa fuq zaqqu u ohra f'idu ix-xellugija (ara xhieda ta' Dr Jonathan Joslin). Huwa notevoli li Anthony Debattista ma kellu ebda kontuzzjoni qalb il-grif li garrab.

Illi ghal rigward ta' griehi fuq il-persuna ta' John Debattista, il-Qorti rat il-verbal tal-istess, fejn dan hafer lil hutu kollha u irrinunzja ghall-azzjoni kriminali u ghaldaqstant rigward tali akkuza il-procediment huwa ezawriet.

Illi ma jirrizulta ebda griehi fuq Emanuel Debattsita li gew inflitti fuqu mill-imputata Sammut u ghaldaqstant il-Qorti qed tilliberaha mit-tieni parti tat-tieni akkuza.

Jibqa biss l-akkuza ta' hsara volontarja u cioe il-mera fuq il-van proprjeta ta' Emanuel Debattista.

Din il-Qorti wara li gharblet ix-xhieda mghandha ebda dubbju illi Carmen Sammut fis-sahna tal-mument ddendlet mal-mera tal-van u qactitha. Dan gie imtenni kemm minn John u Emanuel fl-istqarriji taghhom u minn John matul ix-xhieda tieghu. Gie ikkonfermat wkoll mix-xhud Josef Galea a fol 58 tal-process.

Di piu f'kaz li Sammut intlaqghet bil-mera tal-van ta' Emanuel Debattista meta dan saq 'l hemm, (kif ssostni hi), din il-Qorti hija perswaza illi kienet ser tigi rinfaccata b'akkuza ta' sewqan perikoluz fil-konfront tieghu. Il-mankanza ta' tali akkuza hija elokwenti.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputata hatja ta' l-ewwel akkuza, mhux hatja tat-tieni akkuza fil-konfront ta' Emanuel Debattista waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront tal-akkuza fejn tirrigwarda lil John Debattista u wara li rat Art 325(d) u 383 tal-kap 9 tqieghed lill-imputata taht garanzija ta' Lm100 ghal sena bil-kondizzjoni li ma timmolestax u ma ddejjaqx lil Emanuel Debattista.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------